TRIBUNAL INDUSTRIJALI

INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NRU 129

Wara d-decizjoni fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

it-Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union ghan-nom tas-Sur Tony Spiteri

u

Messrs Imperial Products Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 21 ta' Settembru, 1982

Chairman: A Debono C.P.A.A.

It-Tribunal fuq talba li saritlu mis-Sur Leslie Freedman, Managing Director, ta' l-Imperial Products Limited, permezz ta' ittra li ggib id-data tas-27 ta' Awissu, 1982, biex jaghti nterpretazzjoni taht id-disposizzjoni ta' Artikolu Nru 35 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kumpanija qalet illi d-decizjoni Nru 129 li nghatat nhar id-19 ta' Awissu, 1982, halliet lok ghal certi dubbji f'mohh il-kumpanija, per konsegwenza talbet lit-Tribunal biex jispjega dawn il-punti:

a) kif minkejja Artikolu Nru 14-tal-"Collective Agreement" li gie kkwotat f'pagna 14 ta' l-Award, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija ma' kienitx gusta.

b) kif wara r-rimarki korretti li t-Tribunal ghamel dwar il-piz ta' l-"absenteeism" ikkonkluda li t-tkeccija kienet piena harxa zzejjed.

.../2

c) ghaliex it-Tribunal wara li wasal ghal din il-konkluzjoni, ordna lill-kumpanija biex thallas kumpens sostanzjali lis-Sur Spiteri; u

d) biex jigi spjegat lill-kumpanija fuq liema bazi ghandu jigi kkalkulat il-perijodu tad-dizimpieg mill-24 ta' Jannar 1982, (jigifieri tlett xhur wara mid-data tat-tkeccija) il-quddiem; u jekk ghandux jithallas il-'bonus' ukoll matul dan il-perijodu.

Il-kumpanija qalet li minhabba xi sitwazzjoni finanzjarja taghha, tixtieq li l-kumpens isir fi tlett pagamenti ugwali mensili.

2. Mill-erbgha punti fuq imsemmija, punt D biss jinhtieglu interpretazzjoni skond l-Artikolu Nru 35 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976; ghaldaqstant, it-Tribunal intaqa nhar it-Tlieta, 7 ta' Settembru 1982, biex jigu stabbiliti certi fatti mehtiega ghal din l-Interpretazzjoni, galadarba z-zewg partijiet ma' waslux biex jistabbilixxu bejniethom dawn il-fatti. Matul din il-laqgha, il-kumpanija kienet rapresentata mis-Sur Leslie Freedman, Managing Director u mis-Sur J Visanich, Personnel Manager, li kienu mejghuna mis-Sur A Tabone, waqt li s-Sur Tony Spiteri kien assistit mis-Sur A Micallef, Segretarju, Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union.

3. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

i) <u>Is-Sur Tony Spiteri</u> qal li wara li kien tkecca minn ma l-Imperial Products Limited, hu beda jahdem nhar il-10 ta' Mejju 1982. Matul iz-zmien li dam bla xoghol is-Sur Spiteri rcieva tlett pagamenti ta' £M7.24 il-wiehed mid-Dipartiment ta' l-Ghajnuna Socjali, li b'kollox jammontaw ghal £M21.72.

ii) <u>Is-Sur J Visanich</u> qal li kieku s-Sur Spiteri baqa mpjegat ma l-Imperial Products Limited, il-paga tieghu wara il-24 ta' Janar 1982 kienet tkun £M32.88 fil-gimgha.

4. Mir-ricerki li saru mad-Dipartiment tas-Serivzzi Socjali nstab li s-somma attwali pagabbli mid-Dipartiment koncernat lis-Sur Tony Spiteri, kienet ta' £M24.80.

5. Matul il-perijodu ta' bejn l-24 ta' Janar u d-9 ta' Mejju 1982, kien hemm 15 il-gimgha ta' xoghol, li bir-rata ta' £M32.88 fil-gimgha jammontaw ghal £M493.20; ma din is-somma jrid jizdiet il-'bonus' ghal perijodu ta' bejn l-24 ta' Ottubru 1981 u d-9 ta' Mejju 1982, jigifieri 13 il-gimgha bir-rata ta' £M2.077 fil-gimgha - £M27, u 15 il-gimgha bir-rata ta' £M2.23 fil-gimgha - £M33.45. B'kollox il-'bonus' jilhaq ghal £M60.45. Allura l-ammont totali huwa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| A. | Paga ....... | £M493.20 | |
| B. | Bonus ...... | 60.45 | £M553.65 |
| | Jitnaqqas l-ammont ta' l-Ghajnuna Socjali ..... | | 24.80 |
| | Total pagabbli lis-Sur Spiteri | | £M528.85. |

6. Wara li t-Tribunal sema r-raguni tal-kumpanija ghaliex talbet biex il-kumpens isir fi tlett pagamenti ugwali u l-veduti tas-Sur A Micallef f'dan ir-rigward, jordna li s-somma fuq imsemmija tigi mhallsa lis-Sur Tony Spiteri fi tlett pagamenti ugwali nhar il-27 ta' Settembru, Ottubru u Novembru 1982.

7. L-ammont pagabbli lis-Sur Tony Spiteri kif gie kkalkulat f'paragrafu 5 hu suggett ghal aggustament tal-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance skond "Award" Nru 129.

B'Hekk it-Tribunal ta l-interpretazzjoni tieghu skond il-ligi.

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

A. DEBONO
Chairman

21 ta' Settembru, 1982